

2. It-tieni motiv, li jallega ksur tal-Artikolu 36(1) tad-Direttiva 2009/73/KE.

- Sussidjarjament, jekk bħala prinċipju l-Kummissjoni kellha l-kompetenza sabiex tadotta d-deċiżjoni, hija setgħet tadottaha legalment biss jekk il-kriterji fl-Artikolu 36(1) kienu ssodisfatti.
- Id-deċiżjoni ġiet adottata bi ksur tal-Artikolu 36(1)(a). Id-deċiżjoni ma hijiex ser ttejjeb il-kompetizzjoni fil-provvista tal-gass u ma hijiex ser ittejjeb is-sigurtà tal-provvista fil-pajjiżi tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea u tal-Komunità tal-Enerġija.
- Id-deċiżjoni ġiet adottata bi ksur tal-Artikolu 36(1)(b). Ma hemm l-ebda riskju għall-investiment peress li l-pipeline rilevanti ilha topera minn Lulju 2011.
- Id-deċiżjoni ġiet adottata bi ksur tal-Artikolu 36(1)(e). Id-deċiżjoni hija detrimentali għall-kompetizzjoni u għall-funzjonament effettiv tas-suq intern fl-Unjoni Ewropea u fil-Komunità tal-Enerġija, peress li tista' tkabbar il-pożizzjoni dominanti ta' PJSC Gazprom u tal-affiljati tagħha fis-suq ġegografiku rilevanti u tikkontribwixxi għat-taqassim tas-suq intern skont il-fruntieri nazzjonali.

3. It-tielet motiv, li jallega nuqqas ta' motivazzjoni.

- Bi ksur tal-Artikolu 296 TFUE, id-deċiżjoni ma' tagħtix motivazzjoni suffiċjenti jew provi li jsostnu l-konklużjonijiet tal-Kummissjoni.

4. Ir-raba' motiv, li jallega ksur tal-Artikolu 216(2) TFUE.

- Skont l-Artikolu 216(2) TFUE, ftehim internazzjonali konkluż mill-Unjoni Ewropea jorbot lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.
- Bi ksur tal-Artikolu 6 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, id-deċiżjoni tista' tiddestabilizza l-qafas regolatorju u tas-suq li jistimula l-investimenti fin-netwerks tal-gass, tnaqqas is-sigurtà tal-provvista u twaqqaf l-iżvilupp tal-kompetizzjoni. Bi ksur tal-Artikolu 18 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tal-Enerġija, id-deċiżjoni tippermetti lil Gazprom tabbuża mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq rilevanti.
- Bi ksur tal-Artikolu 6(1) tat-Trattat tal-Karta tal-Enerġija, id-deċiżjoni għandha effett detrimentali fuq il-kompetizzjoni fis-settur tal-enerġija. Bi ksur tal-Artikolu 10(1) tal-Karta tal-Enerġija, id-deċiżjoni tagħti trattament preferenzjali lil Gazprom bħala investitur u għandha effett ħażin fuq l-investimenti ta' Naftogaz fis-sistema Ukraina tat-trasport tal-gass.
- Bi ksur tal-Artikolu 274 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ukraina, id-deċiżjoni ġiet adottata mingħajr konsultazzjoni jew kooperazzjoni mal-Ukraina.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Marzu 2017 – Abel et vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-197/17)

(2017/C 151/59)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Marc Abel (Montreuil, Franzja) u 1438 rikorrent ieħor (rappreżendant: J. Assous, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tirrikonoxxi l-irregolarità tal-agħir tal-Kummissjoni Ewropea;
- tirrikonoxxi d-dannu kkawżat lir-rikorrenti minħabba l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/646, tal-20 ta' April 2016, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 692/2008, fir-rigward tal-emissionijiet minn vetturi ħiefi għall-passiġġieri u minn vetturi kummerċjali (Euro 6);

- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas ta' EUR 1 000 bħala kumpens għad-dannu morali kkawżat lir-rikorrenti minħabba l-adozzjoni ta' tali regolament u EUR 1 simboliku bħala kumpens għad-dannu materjali;
- tagħti ordni kontra l-Kummissjoni Ewropea li tobbligaha tirritorna l-“fattur ta’ konformità finali” maħluq mir-Regolament (UE) 2016/646 għal 1 u tirrinunja għall-“fattur ta’ konformità temporanju” stabbilit għal 2.1;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw l-elementi li ġejjin.

1. Il-konvenuta wettqet żabalji fl-adozzjoni tar-regolament inkwistjoni, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenza tagħha li kienu ddelegawla l-Parlament Ewropew u l-Kunsill permezz tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU 2007, L 171, p. 1), skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill, tat-28 ta' Ġunju 1999, li tipprovd i-l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implementazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni. Konkretament:

- ksur tar-regoli, kemm primarji kif ukoll sekondarji, tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-ambjent;
- ksur tar-regoli sussidjarji tad-dritt Komunitarju, bħall-prinċipiġi ġenerali ta' nuqqas ta' rigressjoni, ta' prekawzjoni, ta' prevenzjoni, ta' azzjoni fras il-għajnej u ta' min iħammeġ iħallas;
- użu ħażin tar-regoli tal-proċedura, sa fejn il-Kummissjoni ma setgħetx tuża l-proċedura ta' reglementazzjoni b'kontroll sabiex temenda element essenzjali tar-Regolament (KE) Nru 715/2007;
- ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, sa fejn ir-regolament inkwistjoni ma bbenefikax minn garanziji demokratiċi offruti mir-rikors għall-proċedura leġiżlattiva ordinaria ta' kodeċiżjonijiet tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

2. L-eżistenza ta' dannu reali u ċert u ta' rabta kawżali diretta bejn l-aġir tal-Kummissjoni u d-dannu allegat.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Marzu 2017 – EKETA vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-198/17)

(2017/C 151/60)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Ethniko Kentro Erevnas kai Technologikis Anaptyxis (EKETA) (Thessaloniki, il-Greċja) (rappreżentanti: V. Christianos u S. Paliou, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tiddikjara li t-talba mrressqa mill-Kummissjoni Ewropea lill-EKETA biex jirimborsa l-ammont ta' EUR 38 241,00 mill-pagament irċevut minnu għall-proġetti ACTIBIO, liema talba saret fin-nota ta' debitu Nru 3241615335/29.11.2016, hija infodata fir-rigward tas-somma ta' EUR 9 353,56;